

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 29 GESU'JGHALLEM BIL-PARABBOLI

Matt. 13:1-53; Mark 4:1-34

Jum wiehed Gesu' kien jinsab hdejn il-bahar u follol kbar ta' nies kienu jigru warajh. Gesu' ra li l-ahjar haga biex jghallem kien li jitla' fuq dghajsa li kienet marbuta max-xatt u minn fuqu jxandar il-messagg divin.

Billi kien ihobb jghallem bl-istejjer jew parabboli Gesu' qalilhom din l-istorja: Ragel hareg jizra' u waqt li kien qed jixhet iz-zerriegha 'l hawn u 'l hemm fil-ghalqa tieghu, xi uhud miz-zerriegha waqghet fil-moghdija.  Malli l-ghasafar lemhuha nizlu dritt fuqha biex jiekluha.

Zerriegha ohra waqghet qalb il-gebel fejn il-hamrija kienet baxxa u ma setghux irabbu gheruq fil-fond u nixfu malli nibtu. Zerriegha ohra waqghet qalb ix-xewk li hanaq il-pjanta kif din kibret u dawn ukoll mietu.

Xi zerriegha ohra waqghet fuq art tajba u meta kibret ghamlet bosta frott.

Id-dixxipli xtaqu jkunu jafu ghaliex qed jghallem bil-parabboli u Gesu' wegibhom li l-Ispirtu Santu jitfa' l-grazzja tieghu fuq dawk ta' qalbhom miftuha berah ghall-messagg ta' Alla, izda ghal dawk li qalbhom hija iebsa jibqghu jghixu fi dnubhom. Minhabba r-ras iebsa taghhom dawn in-nies ma jarawx is-salvazzjoni taghhom.

Imbaghad Gesu' ghadda biex ifissrilhom l-parabbola. "Dak li hareg jizra' huwa dak li jxandar il-kelma ta' Alla; biss mhux kull min jisma' il-kelma t'Alla din ser taghmel l-istess frott fih. Iz-zerriegha li waqghet fil-moghdija  hija l-kelma ta' Alla li waqghet fuq widnejn torox. Ix-xitan ifittex li jisraqha biex ma jhallihiex taghmel frott  bhalma l-ghasafar jinzlu u jiekluha meta jarawha mill-gholi."

"Dik iz-zerriegha li waqt fejn il-hamrija kienet baxxa hija l-kelma t'Alla li taghmel frott ghal zmien qasir hafna ghaliex ix-xemx tahraq il-pjanta li tkun kibret imma gheruqha ma humiex fil-fond."

Dik iz-zerriegha li waqghet fil-ghalqa propja ghamlet hafna frott tixbah il-kelma t'Alla li tinsel f'qalb disposta li tisma' twettaq din il-Kelma."

Ikompli Gesu' jghallem bil-parabboli u jirrakonta l-istorja tal-Qamh u s-sikrana.

Ġibilhom parabbola oħra u qalilhom: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed raġel li żara' żerriegħa tajba fl-għalqa tiegħu. Iżda xħin in-nies kienu reqdin, ġie l-għadu tiegħu, żara' s-sikrana qalb il-qamħ u telaq. Meta mbagħad il-qamħ nibet u ħareġ is-sbul, tfaċċat ukoll is-sikrana. Resqu l-qaddejja fuq sid l-għalqa u qalulu, 'Sinjur, int mhux żerriegħa tajba żrajt fl-għalqa tiegħek? Mela dis-sikrana mnejn ġiet?' Iżda hu qalilhom, 'Dil-biċċa għamilhieli xi għadu tiegħi.' 'Tridx immorru niġbruha?' qalulu l-qaddejja. 'Le,' qalilhom, 'għax intom u tiġbru s-sikrana għandkom mnejn taqilgħu magħha l-qamħ ukoll. Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien  sal-ħsad; meta mbagħad jasal il-ħsad, ngħid lill-ħassada: 'Iġbru s-sikrana l-ewwel, u orbtuha qatta qatta għall-ħruq, mbagħad qiegħdu  l-qamħ fil-maħżen tiegħi.' "

Qalilhom ukoll storja ohra.  Is-saltna tas-smewwiet tixbah liz-zerriegha tal-mustarda li hija l-izghar fost iz-zrieragh, izda meta tikber issir pjanta kbira hekk li l-ghasafar ta' l-ajru jigu jistkennu fiha.

Anke xebbah is-saltna tas-smewwiet mal-hmira li mara titfa' ma' ghagna tqiq meta tkun qed taghmel il-hobz. L-ghagna tithalla toqghod u tikber minhabba l-effett tal-hmira.

Meta spicca t-taghlim tieghu u n-nies marru lura d-dar, Gesu' spejga l-istejjer li rrakonta. Iz-zerriegha t-tajba hija l-poplu ta' Alla, l-ghelieqi huma d-dinja u r-ragel li ta z-zerriegha tajba huwa Bin il-Bniedem. L-ghadu huwa x-xitan u s-sikrana tfisser l-agenti tieghu li jghinuh biex jizirghu l-hazen fid-dinja.

Il-hsad huwa t-tmiem tad-dinja  u l-hassada huma l-angli. Il-qattet tas-sikrana jintefghu jinharqu, hekk ukoll il-hziena jmorru fit-telfien ta' dejjem u minn hemm ma johorgu qatt.  Il-qattet tal-qamh huma t-tajbin li jinghataw il-premju li ma johodulhom qatt.

## RIFLESSJONI

Ifhem sew x'ried jghallem Kristu.

Li jekk ma tibzghax u tghozz il-kelma ta' Alla bhalma bniedem ihares b'attenzjoni ghaqlija t-tezor tieghu, ix-xitan malajr jisraqilna u nisfaw b'idejna vojta.

Li wara din il-hajja hemm premju jew kastig.  Premju ghat-tajba kastig ghall-hziena.

Il-Kelma ta' Alla hija l-gwida li tmexxina ghall-premju. Id vojta twassalna ghat-telfien.